



2024/475

22.2.2024

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 277/2021**  
**tal-24 ta' Settembru 2021**

**li temenda l-Anness XI (Komunikazzjoni elettronika, servizzi awdjoviżivi u soċjetà tal-informazzjoni) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2024/475]**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ('il-Ftehim dwar iż-ŻEE'), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1070 tal-20 ta' Lulju 2020 dwar l-ispeċifikazzjoni tal-karatteristiċi tal-punti tal-aċċess bla fili f'żona żgħira skont l-Artikolu 57(2) tad-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi <sup>(1)</sup> għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (2) Jenhtiegħ għalhekk, li l-Anness XI tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 5c<sub>za</sub> (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2243) tal-Anness XI tal-Ftehim dwar iż-ŻEE:

"5c<sub>zb</sub>. **32020 R 1070:** Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1070 tal-20 ta' Lulju 2020 dwar l-ispeċifikazzjoni tal-karatteristiċi tal-punti tal-aċċess bla fili f'żona żgħira skont l-Artikolu 57(2) tad-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (ĠU L 234, 21.7.2020, p. 11)."

*Artikolu 2*

It-test tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1070 bil-lingwa İzlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-25 ta' Settembru 2021, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE \*, jew fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 275/2021 tal-24 ta' Settembru 2021 <sup>(2)</sup>, skont liema data tkun l-iżjed tard.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

<sup>(1)</sup> ĠU L 234, 21.7.2020, p. 11.

\* Huma indikati rekwiżiti kostituzzjonali.

<sup>(2)</sup> ĠU L 2024/479, 22.2.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2024/479/oj>.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Settembru 2021.

*Għall-Komitat Konġunt taż-ŻEE*  
*Il-President*  
Rolf Einar FIFE

---